# Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?

Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network (in civil and commercial matters)

Ġibiltà

## 1 L-għejun tar-regoli fis-seħħ

### 1.1 Regoli nazzjonali

Illum il-ġurnata, ir-regoli dwar il-konflitt tal-liġijiet f’Ġibiltà li jittrattaw il-liġi applikabbli ġejjin prinċipalment minn Regolamenti tal-UE li huma direttament applikabbli. Fir-rigward ta’ kwistjonijiet ċivili u kummerċjali dawn huma: Ir-Regolament 593/2008 (Ruma I) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali u r-Regolament 864/2007 (Ruma II) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. L-Att dwar il-Kuntratti (il-Liġi Applikabbli) (Contracts (Applicable Law) Act 1990) (li implimenta l-Konvenzjoni ta’ Ruma tal-1980) jibqa’ rilevanti fil-każ ta’ kuntratti li saru qabel is-17 ta’ Diċembru 2009 (ir-Regolament Ruma I japplika għal kuntratti li saru f'dik id-data jew warajha). Ir-Regolament japplika għal kawżi fejn id-dannu jkun sar wara l-11 ta’ Jannar 2009. Ir-regoli tradizzjonali tal-common law jibqgħu applikabbli għad-delitt ta’ malafama u fir-rigward tal-liġi tas-suċċessjoni u tal-proprjetà. Pereżempju, l-Att dwar il-Kuntratti (Liġi Applikabbli) (Contracts (Applicable Law) Act) jagħti effett lill-Konvenzjoni ta’ Ruma tal-1980 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali.

F’materji tal-familja, hija ġeneralment il-common law li hija s-sors tar-regoli dwar il-liġi applikabbli, b’xi eċċezzjonijiet. F’materji tal-familja, ġeneralment tiġi applikata l-liġi ta’ Ġibiltà, soġġetta għal eċċezzjonijiet limitati fil-common law (eż. fir-rigward tan-nullità taż-żwieġ) jew fl-istatut (eż. fir-rigward tal-manteniment skont l-Att tal-1920 dwar l-Ordnijiet ta’ Manteniment (Faċilitajiet għall-Eżekuzzjoni) (Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Act 1920) u l-Att dwar l-Ordnijiet ta’ Manteniment (Eżekuzzjoni Reċiproka) (Maintenance Orders (Reciprocal Enforcement) Act)). Fi kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri u ta’ protezzjoni tat-tfal koperti mir-Regolament tal-UE Nru 2201/2003 u mill-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta’ Ottubru 1996, huma r-Regoli tal-2011 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Proċedimenti tal-Familja (Tfal) (Family Proceedings (Children) 1996 Hague Convention Rules 2011) u l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-1996 li fihom ir-regoli tal-liġi applikabbli rispettivament, jiġifieri li l-liġi ta’ Ġibiltà tapplika soġġetta għal eċċezzjonijiet limitati.

Ir-regoli dwar il-konflitt tal-liġijiet f’Ġibiltà għandhom kemm sorsi legali kif ukoll tal-common law (ġurisprudenza), u l-bilanċ ta’ kull wieħed ivarja f’kull qasam tal-liġi. Pereżempju, l-għażla tal-liġi kuntrattwali issa hija ddominata mill-Ordinanza dwar il-Kuntratti (il-Liġi Applikabbli) (Contracts (Applicable Law) Ordinance). Min-naħa l-oħra, jista’ jiġi nnotat li xi wħud minn dawn l-istatuti jagħtu effett lil ftehimiet internazzjonali (ftehimiet bħal dawn, għajr leġiżlazzjoni tal-UE b’effett dirett, jeħtieġu li statut jidħol fis-seħħ fir-Renju Unit u b’estensjoni, f’Ġibiltà). Pereżempju, l-Ordinanza dwar il-Kuntratti (il-Liġi Applikabbli) (Contracts (Applicable Law) Ordinance) tagħti effett lill-Konvenzjoni ta’ Ruma tal-1980 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali.

### 1.2 Konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Konflitti tal-Liġijiet Relatati mal-Forma tad-Dispożizzjonijiet Testamentarji (Hague Convention on the Conflicts of Laws Relating to the Form of Testamentary Dispositions 1961), estiża għal Ġibiltà fl-1964.

Il-Konvenzjoni ta’ Ruma tal-1980 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali, estiża għal Ġibiltà fl-1994

(issostitwita mir-Regolament Ruma I b'rabta mal-kuntratti li saru fis-17 ta' Diċembru 2009 jew wara).

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għat-Trusts u għar-Rikonoxximent Tagħhom, estiża għal Ġibiltà fl-1989.

## 1.3 Konvenzjonijiet bilaterali prinċipali

Ma nafux b'konvenzjonijiet bilaterali li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-għażla tal-liġi li r-Renju Unit huwa parti għalihom.

Madankollu, jeħtieġ li jiġi nnotat li, għalkemm il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 u l-Konvenzjonijiet tal-Aja jippermettu li Stat japplika xi reġim ieħor ta' għażla tal-liġi għal konflitti "interni" – bħal konflitti bejn il-liġijiet tal-Ingilterra u Wales u l-Iskozja – ir-Renju Unit għażel li ma jagħmilx użu minn din il-faċilità. Għalhekk, il-Konvenzjoni ta' Ruma (b'rabta ma' kuntratti li saru qabel is-17 ta' Diċembru 2009) u r-regoli tal-Konvenzjoni tal-Aja japplikaw għal konflitti bejn il-ġurisdizzjonijiet differenti tar-Renju Unit kif ukoll għal konflitti internazzjonali.

# 2 L-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

## 2.1 L-obbligu tal-imħallef li japplika b'inizjattiva tiegħu stess ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

Il-pożizzjoni ġenerali hija li r-regoli dwar il-konflitt tal-liġijiet jiġu applikati biss jekk mill-inqas waħda mill-partijiet tkun argumentat li dawn għandhom jiġu applikati. Jekk dan ma ġiex argumentat, jew jekk ma jkunx hemm evidenza sodisfaċenti tal-kontenut tal-liġi barranija, l-imħallef normalment japplika l-liġi ta' Ġibiltà għall-kwistjoni. Din ir-regola hija waħda relatata ma' evidenza u proċedura, u għalhekk ma hijiex affettwata mir-Regolamenti tal-UE, mill-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 eċċ.

## 2.2 Rinviju dwar l-għażla ta' liġijiet

Ir-Regolamenti tal-UE jeskludu l-applikazzjoni tad-duttrina tar-renvoi f'kawżi rregolati mir-regoli tal-UE dwar l-għażla tal-liġi u din kienet ukoll il-fehma prevalenti skont l-Att dwar il-Kuntratti (il-Liġi Applikabbli) (Contracts (Applicable Law) Act). Għalhekk, jekk ir-regola ta' Ġibiltà dwar l-għażla tal-liġi għal delitt ta' negliġenza tindika l-liġi Franċiża, tiġi applikata l-liġi domestika Franċiża, anke jekk qorti Franċiża kienet tapplika l-liġi ta' xi pajjiż ieħor. Ġustifikazzjoni minnhom imressqa għaċ-ċaħda tar-renvoi f'dawn l-isferi tidher li hija li jekk jiġi applikat ir-renvoi, tinħoloq problema fir-regoli kumplessi stabbiliti mill-istatuti.

Ir-rwol tar-renvoi fl-oqsma tal-liġi li jifdal issa huwa kemxejn limitat, u f'xi każijiet mhuwiex ċar għalkollox. Jista' jingħad li r-renvoi japplika fil-każ ta' art li tinsab barra mill-pajjiż, li għaliha l-*lex situs* jiġi applikat bil-liġi ta' Ġibiltà. F'każijiet bħal dawn, hemm xewqa pragmatika li tiġi applikata l-istess liġi tal-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha tinsab il-proprjetà, sabiex tiżdied il-possibbiltà li kwalunkwe deċiżjoni ta' Ġibiltà dwar il-proprjetà tkun effettiva. Il-bilanċ tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward ta' proprjetà mobbli tanġibbli li tinsab barra mill-pajjiż huwa li referenza għal-*lex situs* ma tinkludix ir-renvoi.

Fi kwistjonijiet tal-familja, hemm xi ġurisprudenza limitata li d-duttrina ta' renvoi tista' tapplika f'ċerti ċirkostanzi.

Madankollu, ta' min jinnota li f'ħafna każijiet il-prova tal-kontenut tar-regoli dwar l-għażla tal-liġi barranija tkun għalja u l-partijiet ta' spiss jagħżlu li ma jargumentawx għall-applikazzjoni tagħhom (ara 2.1 aktar 'il fuq). L-applikazzjoni tar-renvoi kienet is-suġġett ta' dibattitu akkademiku intensiv. Il-fehma prevalenti fl-istatuti li jirrigwardaw il-konflitti tal-liġijiet hija li jiġi miċħud ir-renvoi. Għalhekk, jekk ir-regola ta' Ġibiltà dwar l-għażla tal-liġi għal delitt ta' negliġenza tindika l-liġi Franċiża, tiġi applikata l-liġi domestika Franċiża, anke jekk qorti Franċiża kienet tapplika l-liġi ta' xi pajjiż ieħor. Ġustifikazzjoni minnhom imressqa għaċ-ċaħda tar-renvoi f'dawn l-isferi tidher li hija li jekk jiġi applikat ir-renvoi, tinħoloq problema fir-regoli kumplessi stabbiliti mill-istatuti.

Madankollu, ir-renvoi jidher li japplika fil-każ ta' suċċessjoni għal proprjetà mobbli u immobbli, u trasferimenti possibbli ta' tali proprjetà b'mod ġenerali, fejn ir-regoli tal-għażla tal-liġi ta' Ġibiltà rreferew għal-liġi tad-domiċilju jew il-liġi tal-post fejn kienet tinsab il-proprjetà immobbli, u fil-kawżi tal-liġi tal-familja (li tirreferi għal-liġi tad-domiċilju). F'każijiet bħal dawn, hemm xewqa pragmatika li tiġi applikata l-istess liġi tal-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha tinsab il-proprjetà, sabiex tiżdied il-possibbiltà li kwalunkwe deċiżjoni ta' Ġibiltà dwar il-proprjetà tkun effettiva. Madankollu, ta' min jinnota li f'ħafna każijiet il-prova tal-kontenut tar-regoli dwar l-għażla tal-liġi barranija tkun għalja u l-partijiet ta' spiss jagħżlu li ma jargumentawx għall-applikazzjoni tagħhom

(ara 2.1 aktar 'il fuq).

### 2.3 Bidla f'element ta' konnessjoni

Din il-problema hija indirizzata billi f'kull regola dwar l-għażla tal-liġi jiġi speċifikat iż-żmien rilevanti li fih jiġi identifikat il-fattur ta' konnessjoni. Pereżempju, fil-każ ta' trasferimenti ta' beni mobbli, il-liġi applikabbli rilevanti hija dik applikabbli fil-post fejn ikunu jinsabu l-beni mobbli inkwistjoni fiż-żmien tat-trasferiment meta l-att inkwistjoni jkun allegatament affettwa t-titolu ta' dak il-beni mobbli.

### 2.4 Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni normali tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

Skont ir-regoli tradizzjonali, il-qrati ta' Ġibiltà jistgħu jirrifjutaw li japplikaw liġi barranija li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Ġibiltà. Madankollu, il-limitu huwa għoli ħafna: pereżempju, fejn din tkun twassal għal riżultat "li huwa totalment aljen għar-rekwiżiti fundamentali tal-ġustizzja kif amministrata minn qorti ta' Ġibiltà". Il-kontenut tal-ordni pubbliku ta' Ġibiltà huwa influwenzat mill-obbligi internazzjonali tar-Renju Unit, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huwa eżempju wieħed magħruf sew tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku, eżempju ieħor huwa fejn il-liġi tkun "ksur flagranti tar-regoli tad-dritt internazzjonali ta' importanza fundamentali" (eż. l-invażjoni tal-Kuwajt mill-Iraq fl-1990).

Barra minn hekk, issa r-Regolamenti Ruma I u Ruma II it-tnejn li huma jipprovdu għall-applikazzjoni tar-regoli obbligatorji prevalenti tal-forum, irrispettivament mil-liġi li kieku tkun applikabbli għall-kuntratt. Tali regoli eżistenti jinsabu ġeneralment fl-oqsma tal-konsumatur u tal-impjiegi jew f'leġiżlazzjoni li tissupplimenta konvenzjoni internazzjonali.

### 2.5 Prova ta' liġi barranija

Il-kontenut tal-liġi barranija jiġi pprovat daqslikieku kien fatt. Għalhekk, huma l-partijiet li jridu jipprovaw il-kontenut tal-liġi barranija; l-imħallfin ma jistgħux jinvestigaw il-kontenut tal-liġi barranija huma stess. Fil-każ ta' konflitt bejn l-evidenza ppreżentata mill-partijiet, l-imħallef jista' jivvaluta l-kredibbiltà tal-esperti u jista' jikkunsidra l-evidenza primarja (eż. statuti u kawżi barranin), speċjalment fejn ikunu miktuba bl-Ingliż u japplikaw kunċetti li mħallef f'Ġibiltà ikun midħla tagħhom.

Il-kontenut tal-liġi barranija normalment jiġi pprovat minn evidenza ta' perit tal-qorti. Mhuwiex biżżejjed li jiġi ppreżentat it-test ta' statut, ta' kawża jew ta' awtorità barranin quddiem il-qorti. Evidenza ta' perit tal-qorti dwar il-liġi barranija tista' tingħata minn kwalunkwe persuna "kkwalifikata b'mod xieraq sabiex tagħmel dan bis-saħħa tal-għarfien jew tal-esperjenza tagħha," irrispettivament minn jekk din tkunx intitolata li taġixxi bħala prattikant legali fil-ġurisdizzjoni rilevanti. Madankollu, normalment il-periti tal-qorti jkunu akkademiċi jew prattikanti fil-ġurisdizzjoni inkwistjoni. Jekk il-kontenut tal-liġi barranija jkun ġie ddeterminat f'kawża f'Ġibiltà jew fl-Ingilterra preċedenti, din il-kawża tista' tiġi ċċitata bħala evidenza tal-kontenut tal-liġi barranija, u l-kontenut tal-liġi barranija jiġi preżunt li jkun l-istess kif iddeterminat f'dik il-kawża sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor.

L-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti li tibbaża fuq il-liġi barranija. Jekk il-liġi barranija ma tiġix ipprovata b'mod sodisfaċenti, ir-regola ġenerali hija li tiġi applikata l-liġi ta' Ġibiltà. Madankollu, f'kawżi fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jaħseb li l-liġi barranija b'xi mod tixbah il-liġi ta' Ġibiltà (eż. statut tat-taxxa minn ġurisdizzjoni Ewropea oħra), il-kawża tista' tiġi miċħuda.

## 3 Ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

### 3.1 Obbligi kuntrattwali u atti legali

Fil-kawżi kollha li jikkonċernaw obbligi kuntrattwali u li jinvolvu għażla tal-liġi, ir-Regolament Ruma I huwa direttament applikabbli. Ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi fir-Regolament Ruma jistgħu japplikaw ukoll għal kawżi li l-liġi domestika ta' Ġibiltà ma tirrikonoxxix bħala kuntrattwali (eż. fejn il-ftehim ma jkunx sostnut minn korrispettiv eż. kuntratti ta' rigal).

Kwistjonijiet ta' proċedura jiġu ddeterminati mil-*lex fori*. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-livell tad-danni (iżda mhux il-kategoriji tad-danni) u l-mezzi ta' prova huma rregolati bil-liġi tal-forum. Il-perjodi ta' preskrizzjoni huma sostantivi u, għalhekk, fil-każ ta' obbligi kuntrattwali, dawn huma ddeterminati mil-liġi applikabbli skont ir-Regolament. Ir-regoli sostantivi primarji huma kif ġej.

F’każijiet li fihom il-partijiet ikunu għamlu għażla espliċita tal-liġi, jew waħda li tista’ tintwera b’ċertezza raġonevoli, tapplika din il-liġi. X’aktarx li għażla tintwera b’ċertezza raġonevoli fejn il-kuntratt ikun f’forma standard li tkun magħrufa li tkun irregolata b’liġi partikolari (eż. polza tal-assigurazzjoni marittima ta’ Lloyd’s), jew fid-dawl ta’ negozjati preċedenti bejn il-partijiet. Fejn ikun hemm ftehim dwar l-għażla tal-qorti, dan ta’ spiss ikun biżżejjed sabiex jiġi inferit li l-intenzjoni kienet li tingħażel il-liġi ta’ dik il-qorti, iżda dan mhux dejjem ikun il-każ. Fil-każ ta’ ftehim ta’ arbitraġġ, jekk il-kriterji tal-għażla għall-arbitri jkunu speċifikati, dan jippermetti li ssir inferenza b’mod aktar faċli ta’ għażla tal-liġi, iżda jekk l-arbitri jiġu identifikati b’riferiment għal xi korp internazzjonali, ikun ferm anqas probabbli li l-għażla tkun intweriet b’ċertezza raġonevoli.

Il-libertà tal-għażla hija ċirkoskritta f’diversi aspetti. L-ewwel nett, fil-kuntratti konklużi minn konsumaturi u fil-kuntratti tal-impjieg, l-għażla tal-liġi ma tistax iċċaħħad lill-konsumatur jew lill-impjegat mill-protezzjoni tar-regoli obbligatorji li jeżistu skont il-liġi li, kieku ma kienx hemm għażla espliċita tal-liġi, kienet tkun tapplika għall-każ. It-tieni, fejn l-elementi kollha tas-sitwazzjoni jkunu marbuta ma’ pajjiż wieħed, għażla ta’ liġi differenti ma tistax iċċaħħad ir-regoli obbligatorji ta’ dak il-pajjiż mill-effett. Hemm ukoll regoli protettivi għall-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratti ta’ assigurazzjoni. Jista’ jiġi nnotat ukoll li fejn ikun hemm nuqqas ta’ qbil fir-rigward tal-effettività tal-għażla – pereżempju, allegazzjoni ta’ sfurzar – il-kwistjoni dwar jekk din l-għażla kinitx effettiva tiġi ddeterminata mil-liġi applikabbli putattiva (jiġifieri l-liġi li tkun tirregola l-kuntratt li kieku l-għażla tkun valida), sakemm dan ma jkunx “mhux raġonevoli” (f’liema każ tista’ tiġi applikata l-liġi tar-residenza abitwali tal-parti li tiddikjara li ma tkunx tat il-kunsens tagħha).

F’każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda għażla espressa tal-liġi, jew waħda li tista’ tintwera b’ċertezza raġonevoli, ir-Regolament Ruma I jipprovdi regoli speċifiċi skont it-tip ta’ kuntratt, iżda fejn dawn ir-regoli ma jkunux konklużivi, il-liġi ġeneralment tkun il-liġi tar-residenza abitwali tal-eżekutur karatteristiku. L-eżekutur karatteristiku mhux dejjem ikun faċilment identifikabbli, iżda normalment ikun il-parti li ma tkunx qed tipprovdi ħlas għall-oġġett jew għas-servizz (eż. l-eżekutur karatteristiku jkun il-bejjiegħ ta’ prodott, is-sellief fi tranżazzjoni bankarja, il-garanti f’kuntratt ta’ garanzija). Din il-preżunzjoni tista’ tiġi kkonfutata favur pajjiż li miegħu l-kuntratt ikollu rabta aktar mill-qrib.

## 3.2 Obbligi mhux kuntrattwali

Ir-Regolament Ruma II japplika fil-biċċa l-kbira tal-kawżi marbuta ma' obbligi mhux kuntrattwali. L-Att japplika biss għal kwistjonijiet relatati ma’ obbligi li ma jaqgħux taħt ir-Regolament, u l-malafama tibqa’ rregolata mill-common law (ara hawn taħt). Il-perjodi ta’ preskrizzjoni huma ddeterminati mil-liġi applikabbli wkoll.

Skont ir-Regolament Ruma II, ir-regola ġenerali hija li tiġi applikata l-liġi tal-post fejn iseħħ id-dannu. Regoli speċjali jiddeterminaw il-liġi applikabbli għal ċerti tipi ta’ obbligi mhux kuntrattwali, inklużi r-responsabbiltà għall-prodotti, il-kompetizzjoni inġusta, delitti ambjentali u delitti relatati mad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali. Ir-Regolament jippermetti wkoll li l-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli f’ċerti ċirkostanzi, iżda din id-dispożizzjoni ma tistax tintuża sabiex jiġu evitati regoli obbligatorji tad-dritt tal-UE jew tad-dritt domestiku. Għandu jiġi nnotat li l-valutazzjoni tad-danni hija materja għal-liġi applikabbli.

Kif innotat aktar ’il fuq, il-malafama (li tinkludi inġurja tat-titolu, inġurja tal-oġġetti, falsità malizzjuża u kwalunkwe dikjarazzjoni tal-liġi barranija “li tikkorrispondi għal talba [bħal din] jew fin-natura tagħha”) tibqa’ rregolata bid-dritt komuni (common law). F’każijiet bħal dawn, tapplika r-“regola dwar it-teħid ta’ azzjoni doppja”: tista’ tittieħed azzjoni kontra delitt f’Ġibiltà biss jekk tkun tista’ tittieħed azzjoni ċivili skont il-liġi barranija tal-ġurisdizzjoni li fiha seħħ l-att (normalment il-pubblikazzjoni) u jekk, li kieku l-att seħħ fl-Ingilterra u f’Wales, tkun tista’ tittieħed azzjoni ċivili kontrih skont il-liġi ta’ Ġibiltà. Din ir-regola nżammet wara pressjoni minn organizzazzjonijiet tal-midja li beżgħu mill-applikazzjoni ta’ liġijiet barranin oppressivi. Madankollu, din ir-regola hija soġġetta għal eċċezzjoni: meta pajjiż ieħor ikollu relazzjoni aktar sinifikanti mal-okkorrenza u mal-partijiet, minflok tkun tapplika l-liġi ta’ dik il-ġuriżdizzjoni. Għandu jiġi nnotat li dan il-qasam huwa partikolarment inċert.

Fir-rigward tal-amministrazzjoni tat-trusts, il-liġi applikabbli hija rregolata mill-Att dwar it-Trustees (Trustees Act) li jimplimenta l-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għat-Trusts. Dan jipprovdi li l-liġi applikabbli tkun dik magħżula mis-settlor, jew, fin-nuqqas ta’ tali għażla, mil-liġi li magħha t-trust tkun marbuta l-aktar mill-qrib. Din il-liġi tiddetermina l-validità tat-trust, il-kostruzzjoni tagħha, l-effetti u l-amministrazzjoni tat-trust.

## 3.3 L-istat personali, l-aspetti tiegħu marbuta mal-istat ċivili (isem, domiċilju, kapaċità)

Mat-twelid, id-domiċilju ta’ persuna (id-domiċilju ta’ oriġini) ikun l-istess bħal dak tal-missier tal-wild minuri fil-ħin tat-twelid tal-wild minuri, jekk il-wild minuri jkun leġittimu. Jekk il-wild minuri jkun illeġittimu, jew il-missier ikun mejjet fil-ħin tat-twelid, id-domiċilju tal-wild minuri jkun l-istess bħal ta’ omm il-wild minuri. Din ir-regola tkompli tapplika sakemm il-wild minuri jagħlaq 16-il sena (jiġifieri d-domiċilju tal-wild minuri jinbidel ma’ dak tal-missier jew tal-omm rispettivament).

Għal persuni li għandhom aktar minn 16-il sena, id-domiċilju ta’ oriġini jibqa’ japplika sakemm ma jadottawx domiċilju tal-għażla tagħhom. Sabiex jadottaw domiċilju tal-għażla tagħhom, huma jridu jkunu effettivament jirrisjedu fil-ġurisdizzjoni rilevanti u jkollhom l-intenzjoni li jirrisjedu hemmhekk b’mod indefinit jew permanenti. Jekk xi wieħed minn dawn l-elementi ma jibqax jeżisti, id-domiċilju tal-għażla tagħhom ma jibqax japplika u japplika d-domiċilju tal-oriġini.

Id-domiċilju ta’ mara miżżewġa ma għadux iddeterminat b’referenza għal dak ta’ żewġha: jiġi vvalutat b’mod indipendenti.

Il-kapaċità li jitwettqu obbligi partikolari (eż. li persuna tidħol f’kuntratt, li tagħmel testment, li tiżżewweġ) hija ddeterminata minn regoli speċifiċi għal dak il-qasam, u dawn huma diskussi fit-taqsimiet rilevanti.

## 3.4 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal, inkluża l-adozzjoni

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-kwistjonijiet ta’ protezzjoni tat-tfal ġeneralment jiġu ddeterminati mil-liġi ta’ Ġibiltà, soġġetti għal eċċezzjonijiet limitati bħal dawk (diskussi aktar ’il fuq) applikabbli għall-materji tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 u għal dawk il-materji li jaqgħu taħt ir-Regolament Brussell IIa. Ġeneralment, anki l-materji ta’ leġittimità u ta’ adozzjoni jiġu ddeterminati bil-liġi Ingliża, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet.

## 3.5 Iż-żwieġ, koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw, sħubijiet, divorzju, separazzjoni ġudizzjarja, obbligi ta’ manteniment

Il-validità formali ta’ żwieġ ġeneralment tkun irregolata bil-liġi tal-post fejn jiġi ċċelebrat iż-żwieġ, soġġetta għal ċerti eċċezzjonijiet.

Il-kapaċità tal-persuni li jiżżewġu hija ġeneralment iddeterminata mid-domiċilju tal-persuna rilevanti fil-ħin immedjatament qabel iż-żwieġ. Din il-liġi tirregola kwistjonijiet bħal jekk il-partijiet tawx il-kunsens tagħhom, ir-rekwiżiti tal-età u liema persuni fi ħdan il-familja estiża ta’ persuna din ma tistax tiżżewweġ. Fil-każ speċjali tal-età, l-ebda żwieġ ma jkun validu jekk xi wieħed mill-parteċipanti kien taħt is-16-il sena f’dak iż-żmien, jekk ikun domiċiljat f’Ġibiltà. Madankollu, iż-żwieġ jista’ jiġi kkuntrattat jekk tiġi applikata liċenzja speċjali taż-żwieġ qabel l-avveniment.

Fi kwistjonijiet ta’ divorzju jew separazzjoni, ġeneralment tiġi applikata l-liġi ta’ Ġibiltà, soġġetta għal eċċezzjonijiet limitati.

Fir-rigward tal-obbligi ta’ manteniment, hija ġeneralment il-liġi ta’ Ġibiltà li tapplika, soġġetta għal ċerti eċċezzjonijiet.

## 3.6 Reġimi matrimonjali dwar il-proprjetà

Ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali ma huwiex kunċett ġeneralment magħruf fil-common law. Fi kwistjonijiet ta’ provvediment finanzjarju mad-divorzju, mas-separazzjoni jew mal-annullament jew fi kwistjonijiet ta’ manteniment, il-qrati ta’ Ġibiltà ġeneralment japplikaw il-liġi ta’ Ġibiltà jew il-ġurisprudenza tal-Ingilterra u Wales meta jkunu jistgħu jagħmlu dan, soġġett għal eċċezzjonijiet limitati.

## 3.7 Testmenti u s-suċċessjoni

F’każijiet ta’ suċċessjoni *ab intestato* (jiġifieri fejn ma jkunx hemm testment), il-liġi tad-domiċilju tat-testatur fiż-żmien tal-mewt tapplika għas-suċċessjoni għall-proprjetà mobbli; il-liġi tal-ġurisdizzjoni li fiha tinsab il-proprjetà (*lex situs*) tapplika għas-suċċessjoni għall-proprjetà immobbli.

F’kawżi li jinvolvu testmenti (suċċessjoni testamentarja), il-kapaċità tat-testatur li jagħmel testment ta’ proprjetà

mobbli tiġi ddeterminata mil-liġi tad-domiċilju tat-testaturi fid-data tat-testment. Legatarju jkollu l-kapaċità li jirċievi beni mobbli jekk ikollu l-kapaċità skont il-liġi tad-domiċilju tiegħu jew skont il-liġi tad-domiċilju tat-testatur. Ma hemm l-ebda awtorità speċifika dwar il-pożizzjoni rigward il-proprjetà immobbli, iżda l-*lex situs* ikun l-aktar eżitu probabbli, u probabbilment jiddetermina wkoll il-kapaċità ta' legatarju li jieħu legat ta' proprjetà immobbli.

Skont l-Att dwar it-Testmenti tal-2009 (Wills Act 2009), testment ikun formalment validu (eż. numru korrett ta' xhieda) jekk ikun konformi ma' xi waħda mil-liġijiet li ġejjin: il-liġi tal-post fejn ġie eżegwit it-testment (jiġifieri normalment fejn ikun ġie ffirmat fil-preżenza tax-xhieda) fil-mument li ġie eżegwit; il-liġi tad-domiċilju, tar-residenza abitwali jew tan-nazzjonalità tat-testatur fil-mument li fih ġie eżegwit it-testment; il-liġi tad-domiċilju, tar-residenza abitwali jew tan-nazzjonalità tat-testatur fil-mument tal-mewt. Testment ikun validu formalment ukoll sabiex jgħaddi proprjetà immobbli jekk ikun konformi mal-liġi interna tal-ġurisdizzjoni fejn tkun tinsab il-proprjetà (b'hekk tiġi eskluża l-applikazzjoni tar-renvoi minkejja li dan jikkonċerna beni immobbli).

Testment tal-proprjetà mobbli jkun materjalment validu (eż. limitazzjonijiet fuq l-ammont li wieħed jista' jħalli b'testment) jekk ikun konformi mal-liġi tad-domiċilju tat-testatur fil-ħin tal-mewt; testment ta' proprjetà immobbli jkun materjalment validu jekk jikkonforma mal-liġi tal-ġurisdizzjoni li fiha tinsab il-proprjetà, jiġifieri tkun xi tkun is-sistema tal-liġi domestika li tapplika l-*lex situs*.

Testment huwa interpretat mil-liġi intiża mit-testatur, li hija preżunta li hija l-liġi tad-domiċilju tiegħu fid-data tat-testment. Din il-preżunzjoni hija regola *prima facie* li tista' tiġi miċħuda permezz ta' evidenza li turi li t-testatur manifestament ikkontempla u xtaq li t-testment tiegħu jiġi interpretat skont sistema ta' liġi oħra. B'rabta ma' proprjetà immobbli, jista' jkun hemm limitazzjoni addizzjonali, li permezz tagħha, jekk l-interess li jirriżulta minn tali interpretazzjoni ma jkunx permess jew ma jkunx rikonoxxut mil-*lex situs*, tipprevali din l-aħħar liġi.

Il-validità ta' allegata revoka ta' testment tiġi ddeterminata skont il-liġi tad-domiċilju tat-testatur fiż-żmien tal-allegata revoka (ta' min jinnota li skont il-liġi domestika ta' Ġibiltà, jekk din tkun tapplika, żwieġ jirrevoka testment sakemm ma jintweriex li t-testment ikun sar espliċitament fil-kontemplazzjoni taż-żwieġ). Madankollu, meta jkun allegat li r-revoka nkisbet b'testment sussegwenti (bil-kuntrarju ta', pereżempju, it-tħassir tat-testment), jekk dan it-tieni testment jirrevokax dak preċedenti jiġi ddeterminat mil-liġijiet applikabbli għall-validità formali tat-tieni testment. Jekk ma jkunx ċar jekk it-tieni testment jirrevokax dak preċedenti, il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tiġi ddeterminata mil-liġi intiża mit-testatur, li tkun preżunta li hija l-liġi tad-domiċilju tiegħu fid-data tat-tieni testment.

## 3.8 Proprjetà reali

Il-kawżi tal-proprjetà jinqasmu fi proprjetà mobbli u immobbli; il-kwistjoni ta' jekk proprjetà tkunx mobbli jew immobbli taqa' taħt il-liġi tal-post fejn tkun tinsab il-proprjetà.

Fil-każ ta' proprjetà immobbli, il-liġi applikabbli hija l-liġi tal-post fejn tinsab il-proprjetà, u jkun japplika r-renvoi. Dan japplika għall-mistoqsijiet kollha dwar it-tranżazzjoni, inklużi l-kapaċità, il-formalitajiet u l-validità materjali. Ta' min jinnota li ovvjament hemm distinzjoni bejn it-trasferiment ta' art jew ta' beni immobbli oħra, u l-kuntratt li jirregola d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet għal dak it-trasferiment – dan tal-aħħar huwa rregolat b'regoli distinti dwar il-liġi applikabbli (b'mod partikolari, skont ir-Regolament Ruma I).

Fil-każ ta' kwistjonijiet proprjetarji (ta' min jinnota, għall-kuntrarju ta' dawk kuntrattwali) dwar it-trasferiment ta' proprjetà mobbli tanġibbli, b'mod ġenerali l-liġi applikabbli tkun il-liġi tal-post fejn kienet tinsab il-proprjetà fiż-żmien li seħħ l-avveniment li allegatament affettwa t-titolu għaliha. Mhuwiex ċar jekk ir-renvoi japplikax f'din is-sitwazzjoni u l-effett globali tad-deċiżjonijiet tal-Prim'Istanza tal-qrati ta' Ġibiltà jissuġġerixxi li mhuwiex il-każ. Titolu għall-proprjetà tanġibbli miksuba skont din ir-regola ġenerali jkun rikonoxxut bħala validu f'Ġibiltà jekk il-proprjetà mobbli mbagħad titneħħa mill-pajjiż fejn kienet tinstab fil-mument tal-akkwist tat-titolu, sakemm dak it-titolu ma jiġix spostat minn titolu ġdid miksub f'konformità mal-liġi tal-pajjiż li fih tkun ittieħdet il-proprjetà. Eċċezzjoni partikolari għar-regola ġenerali dwar proprjetà mobbli tanġibbli hija relatata ma' meta l-proprjetà tanġibbli tkun fi tranżitu u s-*situs* tagħha ma jkunx magħruf mill-partijiet, jew ikun temporanju; trasferiment li jkun validu skont il-liġi applikabbli tat-trasferiment ikun effettiv f'Ġibiltà.

Fil-każ taċ-ċessjoni ta' proprjetà mobbli intanġibbli, fejn ir-relazzjoni bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju tkun kuntrattwali (bħal fil-każ tal-biċċa l-kbira tad-djun) u l-kwistjoni tkun relatata biss mal-validità u mal-effett taċ-ċessjoni nnifisha, japplika r-Regolament Ruma I.

Ta’ min jinnota li huwa diffiċli li jinġabru fil-qosor ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi fuq iċ-ċessjoni u t-trasferiment ta’ proprjetà intanġibbli u l-ebda regola unika dwar l-għażla tal-liġi ma tkoprihom, l-aktar minħabba li l-kategorija ta’ intanġibbli tkopri firxa wiesgħa ħafna ta’ drittijiet, li mhux ilkoll huma kuntrattwali fl-oriġini tagħhom. Huwa ssuġġerit li għandu jintalab parir ta’ speċjalist fil-każ ta’ proprjetà mobbli intanġibbli.

## 3.9 Insolvenza

Ir-Renju Unit, u b’estenzjoni Ġibiltà, huma parti għar-Regolament tal-Kunsill 1346/2000 dwar proċedimenti ta’ falliment, li jistabbilixxi r-regoli rilevanti fil-proċedimenti li jinvolvu l-iżvestiment sħiħ jew parzjali tad-debitur u l-ħatra ta’ likwidatur fejn l-interessi ewlenin tad-debitur ikunu fi Stat Membru tal-UE (minbarra d-Danimarka). Jekk il-qrati ta’ Ġibiltà jkollhom ġurisdizzjoni (li jkun il-każ jekk l-interessi prinċipali tad-debitur kienu ċċentrati f’Ġibiltà, li hija preżunta li tkun il-post tal-uffiċċju rreġistrat), tiġi applikata l-liġi ta’ Ġibiltà.

F’kawżi li jaqgħu barra mir-Regolament Nru 1346/2000, il-liġi ta’ Ġibiltà tiġi applikata fejn il-qrati ta’ Ġibiltà ikollhom ġurisdizzjoni (li jkun il-każ jekk il-kumpannija tkun irreġistrata f’Ġibiltà jew jekk ikun hemm persuni f’Ġibiltà li jibbenefikaw mill-istralċ u ma jkunx hemm raġunijiet tajba biex tiġi rrifjutata l-ġurisdizzjoni).

---

L-aħħar aġġornament: 08/06/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.